# Kunsill Lokali Il-Qrendi

# Rapport Amministrattiv għas-sena 2025

Ikkumpilat minn Rachel Aquilina - Segretarju Eżekuttiv

**INTRODUZZJONI**

Dan ir-rapport amministrattiv huwa rendikont tal-ħidma tal-Kunsill u jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025.

**KUNSILLIERA U RESPONSABBILITAJIET**

Il-Leġislatura numru 9 ta' dan il-Kunsill tikkonsisti fis-Sindku, l-Viċi Sindku u 3 kunsilliera. Kull kunsillier, fl-ewwel laqgħa ta' din il-leġislatura ġie fdat b'dawn ir-responsabilitajiet:

**Is-Sindku, David Michael Schembri -** Ambjent, Ġonna u Soft Areas, Baġit u Finanzi, iċ-Ċentru Ċiviku l-Ġdid , Dwal tat-toroq, Patrimonju, Proġetti Ewropej, Proġetti Kapitali, Turiżmu, l-Indafa Pubblika.

**Il-Viċi-Sindku, Anthea Sacco** - Indafa Rurali, Attivitajiet Kulturali, Midja Soċjali u Interattivi, l-Anzjanità Attiva.

**Il-Kunsillier, Carmelo Farrugia -** Sports, l-Integrazzjoni Soċjali u Kulturali.

**Il-Kunsilliera, Marion Parnis** - Edukazzjoni, Ħarsien tal-Annimali, Librerija Pubblika, Wied iż-Żurrieq.

**Il-Kunsilliera, Nina Skye Briffa -** Informatika, Innovazzjoni, Żgħażagħ.

Bejn Jannar u Diċembru tal-2025, il-Kunsill iltaqa' 13-il darba. L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat kienet kif ġej:

| | |
|---|---|
| David Michael Schembri | 100% |
| Anthea Sacco | 77% |
| Carmelo Farrugia | 100% |
| Marion Parnis | 69% |
| Nina Skye Briffa | 77% |

## L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar u l-aħħar ta' Settembru 2025, is-Sur Anthony Bonello kien qed jagħti s-servizz tiegħu bħala Aġent Segretarju minħabba l-fatt li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv kien għadu vakanti. Minn Ottubru 2025 ġiet maħtura s-Sa Rachel Aquilina biex tieħu ħsieb l-operat tal-Kunsill fil-qasam amministrattiv, finanzjarju u legali.

Il-Kunsill għandu wkoll 2 impjegati li jgħinu fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet li huwa mitlub mill-Kunsill. Dawn huma:

**Stephania Grixti**, Uffiċjal Amministrattiv II (Deputat Segretarju Eżekuttiv)

**Krystle Borg**, Skrivana li ġiet maħtura f'Ottubru 2025 wara r-riżenja ta' Karl Falzon.

Il-Kunsill jimpjega wkoll ħaddiema minn RSSL u CWS biex jassistu fit-tindif tal-uffiċċju tal-kunsill u f'diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-lokalità. Fost oħrajn, dawn jinkludu manutenzjoni tal-bankini, tiswija ta' ħofor fit-toroq, qtugħ ta' ħaxix u twaħħil ta' għamara tat-toroq.

## ĦLASIJIET U PERMESSI

Fost xogħlijiet varji li jsiru mill-amministrazzjoni tal-Kunsill hemm dawk ta' ħlasijiet ta' ċitazzjonijiet, ħlasijiet ta' liċenzji tat-trade u ħlasijiet ta' kirjiet tal-Awtorita' tad-Djar u tal-Artijiet. Ta' min jirrimarka li minn dawn il-ħlasijiet, il-Kunsill ma jibbenifika xejn ħlief 10% miċ-ċitazzjonijiet.

Isiru wkoll applikazzjonijiet kemm onlajn kif ukoll personalment mill-uffiċċju tal-Kunsill. Matul is-sena 2025, ġew proċessati 1531 permess. Dawn kienu maqsumin hekk:

| Tip ta' Permess | Numru ta' permessi |
|---|---|
| Depożitu ta' kontejner | 3 |
| Depożitu ta' krejn jew makkinarju | 968 |
| Depożitu ta' materjal tal-bini u materjal ieħor | 11 |
| Depożitu ta' Trakk / Van / Bowser | 265 |
| Divertiment Okkażjonali | 30 |
| No Parking Sign | 55 |
| Permessi ta' Depożitu ta' Skip | 58 |
| Tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet | 7 |
| Trenching Works | 26 |
| Twaqqif ta' xi Posta jew Kjosk | 70 |
| Twaqqif ta' xi posta jew kjosk tradizzjonali għal bejgħ ta' qubbajt Malti | 6 |
| Użu ta' scaffolding | 32 |

**FINANZI**

L-allokazzjoni tal-Kunsill mingħand il-Gvern Ċentrali għas-sena 2025 kienet ta' €417,167 li flimkien ma' dħul ieħor minn skemi wasslu biex il-Kunsill jżomm pożizzjoni finanzjarja stabbli ħalli jkun jista' jaqdi aħjar il-funzjoni tiegħu.

L-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali kienet maqsuma hekk:

## ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILLI LOKALI 2025

**KUNSILL LOKALI: Il-Qrendi**

| | Allokazzjoni € |
|---|---|
| L-Allokazzjoni Finanzjarja | |
| 1. **Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parks u Ġonna** | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 23,708 |
| Fond għal-Latrini Pubbliċi | 16,424 |
| 2. **Manutenzjoni tat-Toroq** | |
| **Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq:** | |
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 58,040 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 54,981 |
| Knis ta' Toroq Urbani | 39,259 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 24,436 |
| 3. **Immaniġġar tal-Iskart** | 60,062 |
| 4. **Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 137,258 |
| Fond ta' Aġġustament (jekk japplika) | |
| I. **Fond għal Żoni Turistiċi** | 3,000 |
| II. **Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet** | 0 |
| **TOTAL** | **417,167** |

**ANDAMENT FINANZJARJU TAL-KUNSILL – SENA FINANZJARJA 2025**

Matul il-perjodu finanzjarju mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kompla jopera b'mod prudenti fil-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji tiegħu. Skont id-Dikjarazzjoni tad-Dħul u n-Nefqa, il-Kunsill irreġistra dħul totali ta' €533,580, meta mqabbel ma' baġit annwali rivedut ta' €736,339.

Il-parti l-kbira tad-dħul tal-Kunsill kienet tikkonsisti f'fondi allokati mill-Gvern Ċentrali u Skemi, li ammontaw għal €514,298. Barra minn hekk, il-Kunsill ġġenera dħul minn sorsi oħra, fosthom dħul minn by-laws (€18,091), liċenzji (€1,087) kif ukoll dħul minn investimenti (€104).

Fir-rigward tan-nefqa, il-Kunsill irreġistra nefqa totali ta' €425,664, meta mqabbla ma' baġit rivedut ta' €377,221. L-akbar sehem tan-nefqa kien relatat ma' Operazzjonijiet u Manutenzjoni (€232,155), segwit minn Emolumenti Personali (€120,467), Amministrazzjoni (€28,851), Spejjeż Finanzjarji (€23) u nefqa oħra (€44,168).

Bħala riżultat tal-operat finanzjarju matul is-sena, il-Kunsill irreġistra surplus ta' €107,916. Minkejja li dan huwa inqas mis-surplus previst fil-baġit (€359,118), il-Kunsill xorta waħda żamm pożizzjoni finanzjarja stabbli u pożittiva, fejn id-dħul totali qabeż in-nefqa totali għall-perjodu taħt konsiderazzjoni.

Qrendi Local Council

Quarterly Financial Report
1st January till End of December 2025 (Quarter 4)

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of December 2025 (Quarter 4)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2025 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2025 € |
|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 514,298 | 463,595 | - | 463,595 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 18,091 | 9,074 | - | 9,074 |
| Income raised from LES (3) | 1,087 | 3,333 | - | 3,333 |
| Investment Income (4) | 104 | 67 | - | 67 |
| Other Income (5) | - | 260,270 | - | 260,270 |
| TOTAL | 533,580 | 736,339 | - | 736,339 |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 120,467 | 96,240 | - | 96,240 |
| Operations and Maintenance (7) | 232,155 | 221,270 | - | 221,270 |
| Administration (8) | 28,851 | 27,753 | - | 27,753 |
| Finance Cost (9) | 23 | 70 | - | 70 |
| Other Expenditure (10) | 44,168 | 31,888 | - | 31,888 |
| TOTAL | 425,664 | 377,221 | - | 377,221 |
| **Surplus / Deficit** | 107,916 | 359,118 | - | 359,118 |

**BUDGET – SENA FINANZJARJA 2026**

Għas-sena finanzjarja li tispiċċa fid-31 ta' Diċembru 2025, il-bilanċi tal-bank huma stmati li jintemm b'bilanċ pożittiv ta' €700,000.

**Dħul għas-sena 2026**

Għas-sena 2026, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jingħata €445,242. Dħul ieħor, prinċipalment minn skemi, permessi, kummissjonijiet amministrattivi LES u kontribuzzjonijiet oħra u huwa l-ħsieb li id-dħul jiżdied għal total ġenerali ta' €516,000.

**Spejjeż għas-sena 2026**

L-ispejjeż inkluż il-ħlas tal-fatturi pendenti huma maqsuma f'erba' kategoriji ewlenin. Dawn jinkludu:

Emolumenti Personali (pagi u salarji);
Operazzjonijiet u Manutenzjoni;
Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra; u
Spejjeż Kapitali.

*Emolumenti Personali*
Il-Kunsill qed jiddedika €139,000 għall-pagi u salarji.

*Operazzjonijiet u Manutenzjoni*
Din il-votazzjoni se jkollha allokazzjoni ta' €218,158.

*Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra*
Il-Kunsill qed jalloka €41,631 għall-amministrazzjoni u spejjeż oħra. €70 ġew allokati għall-interessi tar-Right of Use of Premises u €48,885 se jiġu allokati għall-ħtiġijiet ta’ depreciation billi jintuża l-metodu straight line skont id-direttiva l-ġdida.

*Spejjeż Kapitali*
€417,505 qed jiġu allokati għal proġetti kapitali għat-tkomplija tal-Proġett tal-Binja tal-Kunsill u għall-xogħlijiet f’4 sqaqien fil-lokalità. Hu mistenni li l-Kunsill jirċievi Government Grants li jammontaw €231,000 għal tali spejjeż kapitali.

**Budgeted Statement of Income and Expenditure**

| DESCRIPTION | BUDGET Jan-Dec 2025 | FORECAST Jan-Dec 2025 | BUDGET Jan-Dec 2026 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Income** | | | | | |
| Funds received from Central Government (1 | 417,167 | 496,145 | 495,042 | 77,875 | (1,103) |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 9,074 | 19,988 | 19,018 | 9,944 | (970) |
| Income raised from LES (3) | 3,333 | 1,869 | 1,850 | (1,483) | (19) |
| Investment Income (4) | 67 | 91 | 90 | 23 | (1) |
| Other Income (5) | 260,270 | - | - | (260,270) | - |
| **TOTAL** | **689,911** | **518,093** | **516,000** | **(173,911)** | **(2,093)** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 96,240 | 141,459 | 139,000 | 42,760 | (2,459) |
| Operations and Maintenance (7) | 200,949 | 265,434 | 218,158 | 17,209 | (47,276) |
| Administration (8) | 27,753 | 12,373 | 41,631 | 13,878 | 29,258 |
| Finance Cost (9) | 70 | 70 | 70 | - | - |
| Other Expenditure (10) | 31,888 | 43,671 | 48,885 | 16,997 | 5,214 |
| **TOTAL** | **356,900** | **463,006** | **447,744** | **90,844** | **(15,263)** |
| **Surplus / Deficit** | **333,011** | **55,086** | **68,256** | **(264,755)** | **13,170** |

## KONKLUŻJONI FINANZJARJA

B'mod ġenerali, matul is-sena finanzjarja 2025 il-Kunsill Lokali tal-Qrendi żamm pożizzjoni finanzjarja stabbli u responsabbli. Minkejja d-diversi impenji operattivi u amministrattivi li kellu jindirizza matul is-sena, kif ukoll in-nefqa għat-tkomplija tal-Binja tal-Kunsill u l-Berġa, il-Kunsill irnexxielu jkompli jopera b'mod sostenibbli u jżomm bilanċ pożittiv bejn id-dħul u n-nefqa.

Il-ġestjoni prudenti tar-riżorsi finanzjarji ppermettiet lill-Kunsill ikompli jappoġġja inizjattivi u servizzi li huma ta' benefiċċju dirett għar-residenti tal-lokalità, filwaqt li żamm livell adegwat ta' kontroll fuq l-infiq pubbliku. Dan jirrifletti l-impenn kontinwu tal-Kunsill sabiex jiżgura amministrazzjoni finanzjarja effiċjenti u trasparenti.

## SERVIZZI VARJI

Il-Kunsill jipprovdi diversi servizzi oħra madwar il-lokalità permezz ta' kuntratti ma' entitajiet differenti. Fost dawn hemm is-servizz tat-tindif tat-toroq li mis-sena 2025 beda jsir minn Clean Malta kif ukoll is-servizz ta' ftuħ, għeluq u tindif tal-latrini pubbliċi fi Triq Rokku Buhagiar u f'Wied iż-Żurrieq.

Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll biex jitlob għal installazzjoni ta' lampi ġodda fit-toroq kif ukoll il-manutenzjoni ta' lampi li ma jkunux qed jaħdmu. Dan is-servizz huwa amministrat mill-Kunsill Lokali pero' meta il-lampi jkunu installati fuq arbli, ir-rapporti jiġu riferuti lill-Korporazzjoni Enemalta għax dawn ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kunsill.

Servizz ieħor li jintuża ħafna mir-residenti huwa dak tal-ġbir tal-iskart goff minn wara l-bieb. Dan is-servizz jingħata ħames darbiet fil-ġimgħa għall-iskart goff ġenerali u għal skart elettroniku (WEEE).

Servizz ieħor offrut lill-komunità huwa dak tal-Librerija Pubblika.  Dan is-servizz ingħata sa Settembru 2025 minħabba l-fatt li l-librara li kienet tieħu ħsieb ġiet nieqsa. Dan is-servizz ser jerġa' jinbeda fil-bidu tas-sena 2026.

**ILMENTI U SUĠĠERIMENTI**

Xogħol importanti ieħor li jsir mill-amministrazzjoni tal-Kunsill huwa dak li jisma' l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti u, fejn ma jkunx fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill, dawn jiġu mgħoddija lill-awtoritajiet kompetenti. Matul is-sena 2025, il-Kunsill irċieva madwar 250 lment u suġġeriment li minnhom 137 kienu dwar lampi tat-toroq maqtugħin.

**ATTIVITAJIET:**

**Karnival fil-Qrendi**

Nhar l-4 ta' Frar 2025, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi bil-parteċipazzjoni tas-Soċjetajiet Mużikali u l-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għall-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali, tella' serata fil-grawnd ta' wara l-iskola fl-okkażjoni tal-Karnival. Din kienet l-ewwel sena li l-Gvern Ċentrali introduċa għajnuna lill-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex biex it-tradizzjoni tal-Karnival u l-kultura unika Maltija jiġu ċċelebrati b'dawn l-attivitajiet. L-attività bdiet billi l-iskejjel taż-żfin daħlu minn ħnejja kbira tal-bżieżaq fil-grawnd tal-Qrendi Futbol Club u wkoll tal-Qrendi Nursery. Hawnhekk diversi tfal u żgħażagħ kellhom l-opprtunità jiżfnu u jitilgħu fuq il-bouncing castle li kien mpoġġi fil-grawnd tal-futbol. Id-dwal artifiċjali kienu provduti mis-Soċjetà Santa Marija filwaqt li s-siġġijiet kienu provduti mis-Soċjetà Lourdes. Il-bar kien imwaqqaf mil-Każin tal-Futbol u l-qliegħ kollu mar f'donazzjoni għat-tim tal-Qrendi. Il-koordinament kien tas-Sur Noel Castillo li ipprovdielna wkoll erba' maskeruni kif ukoll banda kollha ffurmata minn tnabar u marakass li daret fit-toroq tal-Qrendi. Din il-banda bdiet mil-Pjazza Santa Marija, għal Triq il-Kbira, Triq il-Ħniena, Triq Rokku Buhagiar, Pjazza quddiem il-Knisja u finalment sabet ruħha fil-grawnd tal-futbol fejn għalqet l-attività li ntlaqgħet tajjeb minn kull min ġie jzurna fl-aħħar ġurnata tal-Karnival 2025.







**Ġieħ il-Qrendi 2025**

Nhar il-21 ta' Frar 2025 saret l-attività annwali Ġieħ il-Qrendi, bil-għan li jiġu rikonoxxuti u onorati persuni li b'ħidmithom jew bl-impenn tagħhom taw kontribut siewi lill-komunità Qrendija.




Matul din l-edizzjoni, il-Kunsill iddeċieda li jagħti dan l-unur b'mod postumu lill-mejjet Peter Schembri, bħala rikonoxximent tal-kontribut twil u dedikat tiegħu fil-qasam mużikali u kulturali fil-lokalità.

Is-Sur Schembri kien membru fl-ewwel grupp taż-żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Marija, fejn beda l-vjaġġ tiegħu fil-mużika u baqa' attiv għal snin twal fil-qasam bandistiku. Matul il-karriera tiegħu huwa kiseb ukoll l-unur li jkun rikonoxxut bħala l-aktar bandist li ilu jdoqq u li baqa' attiv f'banda f'Malta u Għawdex, fatt li juri d-dedikazzjoni u l-imħabba tiegħu lejn il-mużika u t-tradizzjoni tal-baned.

Permezz ta' dan ir-rikonoxximent, il-Kunsill xtaq jagħti ġieħ u apprezzament lill-memorja tiegħu u lill-kontribut li ta matul ħajtu, li jibqa' parti mill-wirt kulturali u mużikali tal-komunità tal-Qrendi.

Ingħataw ukoll rikonoxximent lil tfal Qrendin li bit-talent tagħhom għamlu unur lil Qrendi.



Il-Ħadd, 23 ta' Frar, saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali Santa Marija, bħala ringrazzjament taż-żmien li ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Wara saret mixja sal-Monument tal-Gwerra fejn tpoġġew kuruni tar-rand minn delegazzjoni tal-Kunsill kif ukoll tal-Għaqdiet lokali flimkien mal-Kappillan, bħala tifkira tal-Qrendin li tilfu ħajjithom fit-Tieni Gwerra Dinjija u fil-membri tal-Kunsill li m'għadhomx magħna.

### Viżita' fil-Bażilika tal-Isla

Nhar id-9 ta' April, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi organizza viżita' fil-Bażilika tal-Isla. Attendew diversi anzjani. Wara l-viżita' kien hemm waqfa għal breakfast ġewwa r-ristorant Don Berto li jinsab ukoll fl-istess inħawi.




### Festival Agrarju tal-Patata




Waħda mill-iskemi finanzjarji lokali tas-Segretarjat Parlamentari tal-Gvern Lokali u d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li ta' kull sena nibbenefikaw minnha, hija dik tal-attivitajiet kulturali annwali. Fil-Qrendi kull sena jkun organizzat il-**Festival Agrarju tal-Patata.** Irridu nammettu li wara din l-applikazzjoni jkun hemm ħafna xogħol amministrattiv biex jitlaqqa' kollox f'avveniment wieħed. Fosthom arranġamenti ta' devjazzjonijiet tat-trasport pubbliku u għeluq tal-Pjazza ta' San Mattew tal-Maqluba bil-gwardjani lokali u l-pulizija, *clearance* tal-vetturi pparkjati, permessi, assikurazzjoni, *risk assessment* u fuq kollox l-andament kollu tal-festival permezz tad-direttur artistiku din is-sena kellna is-Sur Alex Calleja Zammit. Mhux se nelaboraw dwar x'kien imtella' mill-att ta' arti performattiva għaliex kien hemm *line up kbir* iżda bħal dejjem irridu nirringrazzjaw lill-Parroċċa tal-Qrendi talli kien hemm it-tberik tal-annimali, inżammet il-wirja tal-arti fil-Kappella ta' San Mattew u fuq kollox intuża z-zuntier b'palk enormi li kellu warajh back drop tal-istess kappella b'faċċata ħelwa li torbot mal-leġġenda tal-Maqluba. Nirringrazzjaw ukoll lill-NGOs tal-Qrendi li taw daqqa t'id billi ttella' bar wieħed komuni u daqqew il-banda fit-toroq biex dan il-festival ingħata bixra ta' festa ferriħija.

## Ġurnata Għawdex




Fit-18 ta' Lulju ġiet organizzata ġieta għal Għawdex għal persuni ta' kull eta'. Wieħed seta' jżur il-Bażilika Ta' Pinu u r-Rabat. Wara, kien hemm waqfa għall-ikla ta' nofsinhar fix-Xlendi fejn wara l-ikel wieħed kellu ħin liberu fejn seta' jgħum jew jilgħab it-tombla.

## Minn Pjazza għal Pjazza




Applikazzjoni oħra li mtliet mill-uffiċċju Muniċipali kienet dik biex intellgħu attività kulturali għall-ewwel darba f'pajjiżna bl-isem **Minn Pjazza għal Pjazza.** Din l-attività nżammet nhar it-23 t'Awwissu 2025. Kienet waħda minn sensiela ta' attivitajiet organizzati mill-Gvern Ċentrali fil-Kunsilli Lokali u li kienet 'branded' minkejja li kellha l-laqta' lokali. Intlaqgħet tejjeb il-*vintage bus* li ħadet diversi parteċipanti Ħaġar Qim li sabu tistennihom il-gwida ta' Heritage Malta biex tagħtihom spjega dettaljata. Din l-attività kienet suċċess assolut speċjalment mill-att ta' attendenza. Nieħdu l-opportunità nirringrazzjaw lid-Direttur Artistiku is-Sur Daniel Cauchi li kien ipprovdut ukoll mingħajr ħlas mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz ta' din l-iskema li bbenefikajna minnha wara li għamilna l-proposti validi tagħna, billi nvolvejna l-NGOs tal-Qrendi fosthom lis-Soċjetà Mużikali Santa Marija, Soċjetà Filarmonika Lourdes u lill-Każin u Nursery tal-Futbol.

## Attivita' Cleanup



Waħda mill-iskemi li jħabbar il-Gvern Ċentrali kull sena hija l-applikazzjoni biex il-Kunsill jingħata sostenn finanzjarju fit-tindif ta' postijiet pubbliċi. Il-Kunsill għażel li dan it-tindif isir f'qiegħ il-baħar ta' Wied iż-Żurrieq fit-30 t'Awwissu, 2025. Biex sar dan it-tindif ingħaqdu magħna bugħaddasa voluntieri li rnexxielhom jirkupraw tyres tal-karozzi, ħġieġ u fliexken imkissrin, makkinarju tal-hydrolic aktarx ta' ajruplan u wkoll tliet slielem tal-baħar li nqalgħu minn fuq il-moll bil-maltemp. Grazzi kbira tmur għas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali li ffinanzja din l-iskema permezz tad-Diviżjoni Gvern Lokali, lir-Reġjun Punent li mela' l-applikazzjoni konġunta ma' dik ta' Kunsilli oħra, lill-Awtorita' Maltija għat-Turizmu, lil Calypso Sub Aqua Club, lil Ramiro Diving Club, lil Mares, lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u lis-Subaqua Club.

## Milied fil-Qrendi




Il-Kunsill ibbennifika wkoll minn skemi finanzjarji lokali tas-Segretarjat Parlamentari tal-Gvern Lokali u d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll mir-Reġjun Punent biex ġie organizzat 'Milied fil-Qrendi'.

Din l-attivita' saret f'Misraħ Santa Marija nhar is-Sibt, 13 ta' Diċembru, mill-5.30pm 'il quddiem. Milied fil-Qrendi kien avveniment festiv u komunitarju mmirat lejn nies ta' kull eta', li nħoloq biex jiġi ċċelebrat l-istaġun tal-Milied. Il-villaġġ kien imżejjen b'dwal u dekorazzjonijiet tematiċi, u offra spazji aċċessibbli għall-familji u n-nies ta' kull età. Matul l-attività ġew organizzati divertiment minn artisti lokali, stands bi prodotti tal-Milied u artiġjanat, kif ukoll attivitajiet għat-tfal.

Dan l-avveniment serva ta' wirja u trawwim ta' tradizzjonijiet tipiċi tal-lokalità bħall-kant tal-Milied, il-presepji, xogħol artisanal u drawwiet antiki li jiffurmaw parti mill-identità kulturali tal-komunità. Ta wkoll spazju lil artiġjani, produtturi u artisti tal-lokal biex juru x-xogħol tagħhom.




Waqt din l-attivita' ġew miġbura wkoll rigali li wara tpoġġew taħt is-siġra ta' fejn Kastilja għal 'Rigal b'Imħabba'.

**ĠNIEN TAL-KMAND**

F'Mejju ġie ffirmat ftehim ta' devoluzzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex il-Ġnien tal-Kmand ikun taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

Dan ġie mħabbar waqt żjara li saret mill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, Stefan Zrinzo Azzopardi, u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Alison Zerafa Civelli, flimkien mas-Sindku tal-Qrendi, David M Schembri. L-applikazzjoni tad-devoluzzjoni li saret mill-Kunsill intlaqgħet mill-awtoritajiet ċentrali u permezz ta' skema tad-Direttorat tar-Restawr, qed isir xogħol fuq il-faċċata tiegħu, eżattament fuq in-naħa ta' wara tat-triq. Sar ukoll xogħol ta' *landscaping* u irrigazzjoni ġdida minn Project Green.



DOI Omar Camilleri

**SISTEMA TAD-DRENAĠĠ F'WIED IŻ-ŻURRIEQ**

Wara l-inċident ta' ħruġ ta' drenaġġ fil-baħar ta' Wied iż-Żurrieq, kienet milqugħa tajjeb l-aħbar mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi bir-rappurtaġġ mill-Ministeru għall-Ambjet, l-Enerġija u l-Port il-Kbir, illi fix-xhur li ġejjin se jsir l-investiment meħtieġ biex iż-żona tkun parti min-netwerk nazzjonali tad-drenaġġ. Dan ifisser servizz ġdid għan-nies u n-negozji, iżda fuq kollox inqas riskji ta' problemi u tniġġiż fil-baħar. Ix-xogħol se jkun qed isir mil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma b'investiment ta'

€3miljun. Hawn tajjeb li nsemmu illi f'din iz-zona kulħadd kellu l-fossa tiegħu inkluż dik tal-latrina pubblika li hija mmaniġġjata mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

Ix-xogħol se jinvolvi tħaffir għal medda ta' madwar 2km u se jiġu installati żewġ stazzjonijiet tal-ippumpjar biex iċaqalqu d-drenaġġ minn Wied iż-Żurrieq għan-netwerk tad-drenaġġ fiż-Żurrieq. L-ewwel fażi tax-xogħlijiet mistennija ddum madwar 10 ġimgħat, bil-proġett kollu mistenni li jitlesta qabel is-Sajf li ġej. Dan se jiżgura li l-komunità ta' Wied iż-Żurrieq tkun konnessa man-netwerk nazzjonali tad-drenaġġ, u l-fosos privati tal-ħwienet u d-djar li, s'issa kienu personalment responsabbli għalihom, jiġu eliminati.



**ŻJARA FI KLANJEK FIL-KROATIA U BIDU TA' ĦBIBERIJA LI SE TISSARRAF F'ĠEMELAĠĠ**

Bejn il-11 u l-14 ta' Settembru, delegazzjoni mil-Qrendi żaret dan ir-raħal ta' Klanjec fil-Croatia fuq programm Citizens, Equality, Rights and Values (Cerv) – Town Twinning bl-isem Small Green Towns for a Big Green Europe. Din id-delegazzjoni kienet tikkonsisti fid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, persuna oħra li kienet diġa' mitħla tal-post, il-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu u l-Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi.

Fost is-suġġetti trattati kien hemm: Green Economy, Green Infrastructure u Zero Waste Krk Island. Diversi xhur ilu delegazzjoni minn Klanjec iffurmata minn tfal tal-iskola t'hemmhekk kienu fostna Malta u issa wasal iż-żmien li anke l-istudenti tal-iskola Primarja tal-Qrendi jagħmlu żjara lill-iskola tagħhom fil-Kroatia u wkoll mil-Kunsillieri tal-Qrendi wara li ingħatat l-approvazzjoni mil-Gvern Ċentrali għal dan il-ġemellaġġ.

## SENSORY PARK F'TAL-MITĦNA

Din is-sena beda il-proġett tas-Sensory Park f'Tal-Mitħna li jinsab eżattament fil-konfini ta' bejn il-Qrendi u l-Imqabba. Il-pjanti ta' Project Green jikkonsistu f'aktar siġar, strutturi biex jistimulaw l-imaġinazzjoni tat-tfal, passaġġi qalb in-natura, bandli interattivi u postijiet milqugħa mil-qilla tax-xemx biex il-ġnien jibqa' funzjonabbli anke fis-Sajf fejn normalment ma tantx jitgawda matul il-ġurnata.

Dan kollu se jsir fil-barriera biswit il-Kappella mmaniġjata mil-Parroċċa tal-Qrendi ta' Santa Katarina. Sit ta' aktar minn sebat-elef metru kwadru li ma kienx qed jintuża u issa se jsir post ta' rilassament. Verament nixtieqi ngħidu grazzi lil Project Green tal-inizjattiva biex minn post mitluq se jiġi wieħed ħaj għall-komunità u l-viżitaturi kollha. Għal aktar dettalji idħlu fuq https://era.org.mt/wp-content/uploads/2024/02/Mqabba-Sensory-Park-PDS.pdf

## FANALI DEKORATTIVI



Il-Kunsill ibbenifika minn fondi tal-LESA għal Proġetti fil-Komunita' biex setgħu jitwaħħlu numru ta' fanali dekorattivi fil-lokal fosthom fi Triq Rokku Buhagiar. Dawn ġew jiswew €45,962.56 li 80% minnhom ġew mogħtija lura mil-LESA. Dan il-proġett ġie ferm apprezzat mir-residenti peress li l-fanali l-antiki kienu spiċċaw u bdiet tiġrilhom ħsara bil-kuntrattur isib diffikulta' jsib jixtri l-partijiet mhux funzjonabbli.

## MAGAZIN TAL-KUNSILL




F'għeluq is-sena 2025, il-Kunsill ippubblika magazin li juri ħidmet il-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Din it-tieni edizzjoni ta' 'Qrendi - Leħen il-Kunsill Lokali tiegħek' għandha l-għan li tiddokumenta u tinforma lill-pubbliku b'dak kollu li jkun għaddej fil-qasam tal-infrastruttura per ezempju. Permezz ta' dan il-magazin residenti tal-Qrendi li m'għandhomx aċċess għall-Medja Soċjali, iħossuhom milħuqin ukoll.

**KUNSILL LOKALI TAT-TFAL**

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll biex ikollu Kunsill tat-Tfal. Fil-fatt għandna grupp imdaqqas tat-tfal li jiltaqaw darba fil-ġimgħa fiċ-Ċentru Pastorali tal-Qrendi fejn jiġu organizzati attivitajiet u taħditiet dwar suġġetti varji u ta' nteress.

**KONKLUŻJONI**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ser ikompli jsaħħaħ il-ħidma tiegħu fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi disponibbli jintużaw bl-aktar mod effiċjenti possibbli. Fis-snin li ġejjin, il-Kunsill ser ikompli jiffoka fuq ippjanar finanzjarju prudenti, monitoraġġ kontinwu tal-baġit u implimentazzjoni ta' proġetti li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunità.

Il-Kunsill jibqa' impenjat li jkompli jtejjeb il-livell tas-servizzi offruti lir-residenti tal-Qrendi, filwaqt li jippromwovi żvilupp sostenibbli u kwalità ta' ħajja aħjar għall-komunità kollha.

David M Schembri

Sindku

Rachel Aquilina

Segretarju Eżekuttiv